**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 4 / 2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Alfred Desira**

Illum 25 ta' Mejju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Alfred Desira detenur tal-karta tal-identita Maltija 885950 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-2 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' 07:45hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi taz-Zejtun u f'dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-għasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-regolament 18(1)(c) tal- AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-

kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1) (i) tal-AL 79 ta-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tagħti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht 1-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-27 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 18(1)(c) 4(1)(a) u 7(1)(i) tal-Ligi Sussidjarja 549.145, sabet lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-multa ta' Eur. 2,000.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alfred Desira, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 t' Ottubru, 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Settembru 2022 billi tiddikjara lill-esponent mhux hati ta' l-ebda mputazzjoni dedotta kontrih u li taghha gie misjub hati - u b'hekk l- esponent jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.

2. Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l- esponent jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija "in toto" jew "in parte" dina l-Onorabbli Qorti

joghgobha tittratta mieghu xort' ohra b'mod, senjatament u mhux limitatament, li titnaqqaslu l-multa nflitta u/jew titnehhilu s-sospensjoni tal-licenzja jew permess relattiv inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Alfred Desira li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

A. L-Ewwel Agggravju huwa n-nullita' u l-irritwalita' tas-sentenza appellata. L-esponent kien issolleva id-difiza illi l-Prosekuzzjoni kienet naqset li tagħmel l-ahjar prova li f'dan il-kaz partikolari u cjoe' l-prova li l-istagun ta' l-insib kien maghluq. L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha li qrat waqt is-seduta semplicement qalet li "qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih u qed tikkundannah ghal piena ta' €2,000 u ghas-sospensjoni tal-licenzja ghall-perijodu ta' sentejn". Ewwel Qorti ghalhekk naqset bl-aktar mod ovvju illi tittratta d-difiza mressqa mill-esponent. Il-Qorti kellha tghid ta' liema akkuzi qed issib lill-imputat hati u wara li titratta l-eccezzjoni mressqa mill-esponent tispjiega kif tkun waslet biex issib tal-htija ghal dak ir-reat. Inoltre, l-istess sentenza li qrat l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Settembru 2022 ma tindikax l-Artikoli tal-Ligi li dwarhom l-esponent kien misjub hati, dana kif huwa rikjest l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Certament li l-esponent ma ghandhux jigi sorpriz b'xi sentenza li forsi tigi dattilografata wara li jkun intavolat dan l-Appell ghax dan ikun ifisser minaccja serja għad-dritt ta' smigh xieraq u jkun ingust mad-difiza u ma' l-akkuzat b'mod li johloq pregudizzju u dannu rriparabbli. Huwa qed jappella fuq is-sentenza li lilu nghatat fil-prezenza tieghu. L-esponent ghalhekk isostni illi s-sentenza xotta xotta ta' l-Ewwel Qorti bla ebda riferenza ghad-difiza mqajjam mill-esponent, u noltre minghajr

riferenza ghall-Artikoli tal-ligi li taghhom qed jinstab hati, jirrendu s-sentenza kollha kemm hi nulla.

B. It-Tieni Aggravju huwa li l-Prosekuzzjoni kienet naqset li tipprova li dak in-nhar meta l-esponent instab fuq l-ghalqa kien stagun maghluq ghat-tehid ta' l-ghasafar. Il-Prosekuzzjoni kellha taghmel l-ahjar prova. Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li turi bi provi ammissibbli, fl-istadju propost ghall-produzzjoni tal-provi taghha (u mhux issa fi stadju ta' appell ta' l-esponent) illi l-esponent kien qed jonsob waqt stagun maghluq ghall-insib. Id-data wahedha mhijiex bizzejjed. Hawn qieghdin fil-kamp penali. Il-Qorti ma tista' tassumi xejn u semplicement tippretendi li nhar it-2 ta' Marzu 2021 meta l-esponenti gie misjub jonsob kien ghalaq l-istagun ta' l-insib. Il-Prosekuzzjoni kellha ggib prova 'sine qua non', minghajr dubju dettat mir-raguni, li l-istagun kien maghluq, l-aqwa prova f'dan il-kaz kellha tkun per ezempju li tingieb kopja tal-Gazzetta tal-Gvern, dana partikolarment meta qed nitkellmu dwar dati li jinbidlu u mhux dejjem l-istess kull sena.

C. It-Tielet Aggravju jirrigwarda n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tipprova sal-grad rikjest mill-ligi t-tieni u t-tielet imputazzjoni. Ghar-rigward tat-tieni mputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma pproducietx l-ebda prova in konnessjoni mal-kundizzjoni tal-licenzja li taghjjat lill-imputat. U ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni lanqas din ma giet sodisfacentement pruvata gialadarba l-ghasafar li ntuzaw bhala lixki kellhom kollha curkett li jinbiegh minn kullimkien l-istess (f'dan il-kaz l-esponent kien xtrahom minn fuq il-Monti), u li kull nassab ilibbes lill-ghasafar. Jigi rilevat illi x-xhud veterinarju li telghat tixhed ma setghatx tirrelata l-ezercizzju li hija kkompilat ma' l-imputat.

D. Ir-Raba Aggravju: Subordinatament, u bla ebda pregudizzju ghal dak li ntqal dwar nuqqas ta' htija, dik il-Qorti messha, fic-cirkostanzi tal-kaz, tat piena ehfef u aktar addattata lill-esponent. F'dan ir-rigward qed jigi sottomess illi l-esponent ma ghandu vizzju ta' xejn, ma jiffrekwentax kazini, izda ghandu biss namra wahda, u cjoe' l-kacca, haga li hija fih sa minn zoghzitu. Is-sospensjoni

tal-licenzja, mbghad ghall-perijodu ta' sentejn, ser isibha difficli ghalih ta' eta' ta' sebghajn sena li jaddatta ruhu b'mod iehor. Ma jfissirx il-ghaliex kellhu dan l-incident ghandu jigi privat mill-licenzja ghall-perijodu tant twil. Huwa kastig sever wisq, dana apparti multa ta' €2,000 li jrid ihallasha mill- pensjoni baxxa tieghu.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti setghet tinnotta illi l-appellant gie akkuzat bir-regolamenti 18(1)(c), 4(1)(a), 7(1) (i) tal-LS 549.42. Madankollu, fid-decide l-Ewwel Qorti ccitat l-istess regolamenti izda ta' LS 549. 145 u mhux LS 549.42 kif indikat fil-kumparixxi.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfazi mizjuda)*

Illi ghalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-**

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.

**Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

**Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio"** (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[9]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> *'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[10]" gie kkunsidrat li:

> *' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.

*ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[11]' gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[12]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

*'**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-***

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.

> ***nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija.*** *(ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri**[13]' ikkunsidrat:

> *'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-*decide,* minflok iccitat l-LS 549.42 iccitat l-LS 549.145. Dan il-punt qajjmu l-Avukat Generali waqt it-trattazjoni tieghu nhar is-27 t' April, 2023 fejn enfasizza li din kienet biss *lapsus kompjuteri.* Din il-Qorti ma taqbilx, u in vista tal-gurisprudenza sucitata tghid li dan l-izball iwassal ghan-nullita' tas-sentenza.

Din il-Qorti tenfasizza li l-Qrati ghadhom jaderixxu ruhhom skrupolozament m'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li numru ta' kawzi qeghdin jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati biex terga' tinghata s sentenza, drabi ohra l-Qorti tal-Appell Kriminali qieghda wara li tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif sejra taghmel f'dan il-kaz.

---

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007).

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tannulla s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tal-appellant Alfred Desira u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu.

**C. Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**